MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 519/2005

**Victor Zammit ID 783349 (M).**

**vs**

**1. Kummissarju tat-Taxxi dwar il-Valur Mzjud u**
**2. L-Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta’ Mejju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta minn l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra datata 11 ta’ Marzu, 2005 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella, bis-sahha tas-**subartikolu 2 tal-artikolu 59 tal-Att dwar it-**

**Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta**) lill-attur sabiex ihallas il-bilanc ta' tliet mija u sitta u ghoxrin elf u mija u erbgha u hamsin liri Maltin (Lm 326,154) dovuti mis-socjeta' Price Club Operators Limited (C22704) rapprezentanti stimi ta' taxxa, multi amministrattivi u interessi.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** din l-ittra ossija *'demand notice'* tikkostitwixxi titolu ezekuttiv kif imfisser fit-Titolu VII tal-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi, fin-nuqqas ta' hlas tas-somma inkluza f'tali interpellazzzjoni jew *'demand notice'* fi zmien tletin gurnata min-notifika tal-istess *'demand notice'*, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jista' jghaddi sabiex jenforza l-pagament in virtu' tas-surreferit titolu ezekuttiv wara jumejn min-notifika ta' ittra ufficjali interpellatorja lill-istess persuna.

Illi l-attur gie notifikat bid-*'demand notice'* u kien biss wara din in-notifika li sar jaf bil-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tal-kumpanija Price Club Operators Limited.

Illi l-attur ma kien involut, la personalment u lanqas bhala rapprezentant tas-socjeta' Price Club Operators Limited, f'ebda proceduri mehudin kontra l-imsemmija socjeta' *ai termini* tal-**Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** u lanqas ma kien a konoxxenza ta' tali proceduri qabel ma gie notifikat bl-interpellazzjoni jew *'demand notice'* hawn fuq deskritta.

Illi kwalunkwe proceduri hekk istitwiti kontra s-socjeta' Price Club Operators Limited ma jikkostitwixxux stat kontra l-attur u huma nulli u/jew invalidi fil-konfront tieghu in kwantu *ai termini* tal-**artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 385 tal-Ligijiet ta' Malta)** socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membri taghha.

Illi kwalunkwe *'demand notice'* mahruga fil-konfront tal-attur konsegwenti ghal tali proceduri hija wkoll nulla u/jew invalida ghal-istess ragunijiet surreferiti.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe proceduri hekk istitwiti kontra s-socjeta' Price Club Operators Limited jew rapprezentanti ohrajn taghha li mhumiex l-attur ma jikkostitwixxux stat kontra l-attur u huma nulli u/jew invalidi fil-konfront tieghu in kwantu l-istess attur gie mcahhad mid-dritt ghal smigh xieraq.

Illi kwalunkwe *'demand notice'* mahruga fil-konfront tal-attur konsegwenti ghal tali proceduri hija wkoll nulla u/jew invalida ghal-istess raguni surreferita.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, taht is-**subartikolu (4) tal-artikolu 66 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** ir-rapprezentant marbut li ma jiddisponix mill-fondi jew mill-proprjeta` tas-socjeta` huwa biss dak ir-rapprezentant illi effettivament ghandu f'idejh it-tmexxija u l-kontroll tal-istess fondi jew proprjeta` tas-socjeta`

Illi, taht is-**subartikolu (5) tal-artikolu 66 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** f'kaz illi r-rapprezentant jipprova l-*buona fede* tieghu u li ma marx kontra is-**subartikolu (4) tal-artikolu 66** surreferit jew kwalunkwe obbligu iehor taht l-istess Att, ir-responsabbilta` tieghu tigi limitata ghall-fondi u ghall-valur tal-proprjeta` appartenenti ghas-socjeta` minnu rapprezentata u li jinsabu taht it-tmexxija u l-kontroll tieghu.

Illi, in kwantu s-socjeta` Price Club Operators Limited qed tigi stralcjata mill-Qorti, il-proprjeta' u l-jeddijiet kollha li l-kumpanija ghandha jedd ghalihom jinsabu, li termini tal-**artikolu 237 tal-Att dwar il-Kumpaniji** fil-kustodja u l-kontroll tal-stralcjarju tal-istess socjeta`.

Illi l-attur dejjem agixxa in *buona fede* u in adempjenza tal-obbligi tieghu taht l-**Att dwar il-Valur Mizjud**.

Illi l-attur m'ghadx ghandu ir-rapprezentanza tas-socjeta` Price Club Operators Limited u dan b'effett mill-hatra tal-

likwidatur da parti tal-Prim' tal-Qorti Civili fil-proceduri premessi.

Illi l-attur ma ghandu fil-pussess tieghu ebda fondi u/jew proprjetajiet u/jew eddijiet ohrajn appartenenti lis-socjeta` Price Club Operators Limited.

Illi ghalhekk ukoll, u minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet l-ohrajn imsemmija, kwalunkwe interpellazzjoni jew *'demand notice'* mahruga fil-konfront tal-attur u mhux il-konfront tal-istralcjarju tas-socjeta` Price Club Operators Limited hija wkoll nulla i/jew invalida fil-konfront tal-istess attur.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-interpellazzjoni maghmula *ai termini* tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta** hija nulla u/jew invalida fil-konfront tal-attur u ma tikkostitiwix titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu in kwantu

(i) is-socjeta` Price Club Operators Limited ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membri u/jew diretturi taghha u ma tezisti ebda raguni fil-ligi ghaliex l-attur ghandu jkun responsabbli ghal djun li mhumiex tieghu, u/jew;

(ii) l-interpellazzjoni hija konsegwenti ghal proceduri li huma nulli u/jew invalidi ghax ma gewx segwiti il-principji tal-gustizzja naturali, inkluz u in partikulari d-dritt tal-attur ghal smigh xieraq u/jew;

(iii) l-attur ma jikkostitwixxix rapprezentant tas-socjeta` Price Club Operators Limited *ai termini* tas-**subartikolu (4) tal-artikolu 66 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** u/jew;

(iv) l-attur ma huwiex responsabbli ghall-bilanc dovut mis-socjeta` Price Club Operators Limited *ai termini* tas-

**subartikolu (5) tal-artikolu 66 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

2. Tordna lill-konvenut jirtira l-interpellazzjoni maghmula minnu *ai termini* tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficjali interpellatroja li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 6) u zewg dokumenti esebiti (Dok “A” u “B”) a fol. 8 sa 12 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud u l-Avukat Generali datata 21 ta’ Gunju 2005 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepew:-

1. Preliminarjament, illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni u ghadu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi preliminarjament ukoll ghandu jigi ccarat illi l-eccipjenti Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma setax johrog *demand notice* qabel *stante* illi l-kumpannija Price Club Operators Limited [C 22704] kienet ghamlet appell minn stima tal-eccipjenti fl-1 ta' Marzu 2002 u sa ma gie deciz l-appell din ma kinitx somma certa likwida u dovuta;

3. Illi t-talbiet attrici biex id-*demand notice* mahruga mill-Kummissarju tigi ddikjarata nulla u/jew invalida fil-konfront tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi d-*demand notice* hija in konformi mal-ligi u ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi michuda u dan ukoll ghar-ragunijiet segwenti:

(i) L-attur, fiz-zmien meta saret dovuta lill-esponent it-taxxa in kwistjoni kien Direttur tas-socjeta` Price Club Operators Limited u bhala tali kien *ex lege* rapprezentant tal-istess socjeta` *ai termini* tal-**artikolu 66 (1) tal-Kap 406**.

(ii) Bhala rapprezentant tas-socjeta` Price Club Operators Limited l-attur kien responsabbli ugwalment mas-socjeta` ghat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha imposti bil-**Kap 406** fuq dik is-socjeta` u dan fit-termini tal-**artikolu 66 (3) (a) tal-Kap 406**;

(iii) Illi l-obbligi tal-attur naxxenti mir-rapprezentanza surreferita jirrisalu ghal ferm qabel ma s-socjeta` Price Club Operators Limited ghaddiet in istralc u kwindi minn dan isegwi illi l-obbligi solidali skont il-ligi mal-istess socjeta` u diretturi ohra ghadhom sallum *in vigore*;

(iv) Illi l-attur qabel ma s-socjeta' ghaddiet in istralc qatt ma ghamel xi dikjarazzjoni formali biex jezimi ruhu mir-responsabbilta` tieghu *qua* direttur ghall-mod kif kien qieghed jigi gestit l-operat ta-socjeta` fuq imsemmija u kwindi l-obbligi legali u r-responsabbilta` legali tieghu ghall-hlas tat-taxxa u imghax u penalitajiet dovuti lill-eccipjenti hija valida u *ergo* d-*demand notice de quo* mhix impunjabbli bl-azzjoni odjema;

(v) Illi irrizulta fil-proceduri quddiem il-Bord (Kopja KV-1) illi l-prospetti mibghuta mis-socjeta` li taghha l-attur kien rapprezentant kienu juru figuri foloz u li fl-istess socjeta` kien hemm irregolaritajiet rampanti u ghaldaqstant it-taxxa fuq il-Valur Mizjud ma thallsitx kif dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dan tant illi l-Bord tal-Appelli fuq it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkonkluda esplicitament 'illi n-nuqqasijiet fil-management u fil-mod kif kienu jinzammu l-kotba kif xehed l-appellant ilium attur ma jistghux jigu ammessi bhala skuza ragjonevoli kontra l-istima tad-Dipartiment";

(vi) Illi ghalhekk l-attur certament ma jistax jippretendi li huwa 'dejjem agixxa in *buona fede* u in adempjenza tal-

obbligi tieghu taht l-Att dwar il-Valur Mizjud' *stante* li l-fatti, kif anke irrizultaw quddiem il-Bord juru l-kuntrarju.

(vii) Illi bhala rapprezentant *ex lege* tas-socjeta` fuq imsemmija l-attur ma jistax jiddistakka ruhu mill-konkluzjonijiet dwar l-irregolaritajiet li graw fl-istess socjeta` u li irrizultaw b' mod konvincenti lill-Bord tal-Appelli billi jgib bhala raguni n-nuqqas ta' partecipazzjoni personali tieghu f'dawk il-proceduri. Illi l-fatt illi l-attur ma kienx personalment parti fl-imsemmija proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli ma jwaqqax il-konkluzjonijiet raggunti mill-Bord dwar is-socjeta` li ghall-agir taghha l-attur huwa responsabbli solidarjament skont l-**artikolu 66 (3) (a)** fuq imsemmi u liema konkluzjonijiet il-Bord kellu kull gurisdizzjoni li jasal ghalihom wara li gharbel il-provi mressqa mill-partijiet.

(viii) Illi skont l-imsemmija decizjoni tal-Bord il-flus dovuti bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud kienu ingabru pero` ma gewx mghoddija lid-Dipartiment;

(ix) Illi ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi illi jezonera ruhu abbazi ta' allegata *buona fede* u ghaldaqstant huwa ma jgawdix mill-protezzjoni offerta lil min jagixxi *in buona fede* mill-**artikolu 66 (5) tal-Kap 406**.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 22 tal-process.

Rar il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 26 sa 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-21 ta' Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghall-attur u Dr. Carmelo Grima ghall-konvenuti. Dr. Refalo ddikjara li l-attur ha jirrinunzja ghal dawk li huma t-talbiet attrici fil-konfront tal-Avukat Generali. Inghata digriet tal-affidavit lill-attur

b'terminu ta' tletin (30) jum. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Joseptte Demicoli u sabiex izzomm is-seduti hemm indikati.

Rat in-nota attrici datata 9 ta' Gunju 2006 u l-affidavit tal-attur datat 26 ta' Mejju 2006 flimkien mad-dokumenti esebiti a fol. 48 sa fol. 84 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti datati 11 ta' Ottubru 2006, 30 ta' Jannar 2007, 15 ta' Mejju 2007, 25 ta' Ottubru 2007, 13 ta' Marzu 2008, 16 ta' Ottubru 2008,

Rat il-verbal tas-seduti u l-provi prodotti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli, nkluzi x-xhieda ta' George Catanina (25 ta' Ottubru 2006), Dr. Andrew Borg Cardona (22 ta' Novembru 2006 u 2 ta' Lulju 2007), Karen Spiteri Bailey (2 ta' Ottubru 2007), u John Zarb (2 ta' Ottubru 2007).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi dwar Taxxa fuq il-Valur Mixjud datata 2 ta' Gunju 2008 a fol. 137 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Victor Zammit ipprezentata b'rikors datat 29 ta' Awissu 2008 kif tidher a fol. 152 tal-process.

Rat ir-rikors tal-intimat l-Kummissarju tat-Taxxa tal-V.A.T. datat 15 ta' Jannar 2009 fejn talab li jesebixxi d-*demand notice* datata 11 ta' Marzu 2005 (Dok. "A" – fol. 195) u wara li rat ir-risposta tal-attur datata 23 ta'Jannar 2009, il-Qorti laqghet it-talba b'digriet datat 27 ta' Jannar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz u l-kawza qed tigi differita ghad-29 ta' Ottubru 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok jinghad li fil-konfront tal-konvenut l-Avukat Generali, in vista wkoll ta’ dak verbalizzat fis-seduta tal-21 ta’ Frar 2006 fejn Dr. John Refalo ghall-attur iddikjara li huwa kien qed jirrinzunja ghat-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut, din il-Qorti tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar il-konvenut l-iehor jinghad li din hija kawza fejn l-attur qed jattakka l-validita` tal-interpellazzjoni jew *“demand notice”* li saret kontra tieghu datata 11 ta’ Marzu 2005 (Dok. “A” – fol. 195), fejn skont l-**artikolu 59 tal-Kap. 406** huwa gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta’ Lm326,154 (€759,734.50), somma dovuta mis-socjeta` Price Club Operators Limited bhala stima ta’ taxxa, multi amministrattivi u interessi u dan peress li gie indikat fl-istess ittra li huwa gie ndikat bhala wiehed mid-diretturi tal-istess socjeta’.

Illi jirrizulta li l-konvenut il-Kummissarju tal-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (KTVM) kien hareg stima datata 23 ta’ Jannar 2002 (xhieda tad-Direttur tal-VAT Goerge Catania – 25 ta’ Ottubru 2006) kontra s-socjeta’ Price Club Operators Ltd (PCOL) ghas-somma ta’ Lm121,258 bhala taxxa, penali u imghax relattiv ghall-perjodu hemm indikat bejn l-1 ta’ Awwissu 2000 sal-31 ta’ Lulju 2001, u fl-1 ta’ Marzu 2002 (Dok. “KV2”) l-istess socjeta’ PCOL appellat kontra l-istess stima quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, liema appell gie deciz fit-22 ta’ Gunju 2004 (Dok. “KV1”). Jirrizulta li d-direttur Chris Gauci kien jaf b’dawn il-proceduri u jirrizulta li kiteb bhala direttur tal-istess socjeta’ (Dok. “KV4” sa Dok. “KV7”).

Illi jirrizulta li Dr. Andrew Borg Cardona gie appuntat bhala likwidatur tas-socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) f'Gunju 2002 permezz ta' decizjoni datata 12 ta' Lulju 2002 (fol. 48 u 49 tal-process nkluz d-decizjoni f'' rikors Numru 1739/01/JRM a fol. 50 *et sequitur*) u fl-istess decizjoni jinghad li l-istralc tal-istess socjeta' kellu jkollu effett minn Novembru 2001 (data meta tressaq r-rikors promotur); jirrizulta li saret ittra ufficjali mill-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud datata 23 ta' Novembru 2004 kontra l-istess Dr. Andrew Borg Cardona bhala likwidatur tal-istess socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) ghall-ammont ta' Lm301,808.35 dovut bhala taxxa, interessi u multi, izda ghal din ma kien hemm ebda risposta mill-istess likwidatur ghalkemm jinghad li George Catania kien kellem lill-istess Dr. Borg Cardona u dan qallu li *"m'ghandux flus biex ihallas il-claim tad-dipartiment. Hu rritjena illi l-flus li hemm kien biex jithallas hu bhala likwidatur"* (xhieda ta' George Catania – fol. 175; ara wkoll fol. 177). Jinghad ukoll li l-istess likwidatur kien jaf b'tali proceduri tal-appell li kienu qed isiru kontra l-istess socjeta'. Id-Dipartiment jghid li huwa qaghad fuq dak li qallu l-istess Dr. Borg Cardona u allura inhadu passi kontra d-diretturi Christopher Gauci, Wallace Fino u l-attur odjern.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Andrew Borg Cardona tat-22 ta' Novembru 2006 jirrizulta li huwa kien jaf bil-proceduri li kienu qed isiru quddiem il-Bord tal-Appelli tant li jghid li *"tajt struzzjonijiet lil Price Water House Coopers, l-advisors tieghi, biex jirrapprezentawni f'dawk il-proceduri"* (fol. 182). Jghid li huwa ghamel l-interventi tieghu *tramite* l-istess bl-informazzjoni li seta' jigbor ghaliex l-istess diretturi baqghu ma ikkumunikawx mieghu.

Illi fl-istess xhieda jghid li d-diretturi qatt ma tawh *statement of affairs* kif obbligati li jaghmlu skont il-ligi meta huwa sar stralcarju u jinghad li huwa ghamel xogholu u ha kontroll tal-assi tal-kumpanija u jghid li ddeposita s-somma ta' Lm236,000 liema fondi qed jintuzaw sabiex jigu amministrati u jithallsu l-ispejjez tal-kawzi li hemm u wara jekk ikun il-kaz issir id-distribuzzjoni. Jghid li meta kien qed ibiegh l-istokk u dar il-hwienet kien hemm

mieghu l-attur (fol. 188 u 189). Fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Lulju 2007 l-istess stralcarju jghid li kien baqa' ghandu l-ammont ta' Lm180,000 cirka li nzammu minnu biex jithallsu l-ispejjez tal-kawzi (fol. 110).

Illi jirrizulta li l-istess stralcarju kien ghamel kawzi konra t-tlett diretturi fuq livell personali minhabba li huwa allega fil-konfront taghhom *wrongful trading*. Fil-fatt permezz ta' sentenza fl-ismijiet **"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et"** (P.A. (TM) – 12 ta' Ottubru 2007) kien gie deciz li l-agir tad-diretturi kien jikkomporta kummerc bi frodi jew *"fraudelent trading"* skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 315 tal-Kap. 386** b'dan li n-negozju tal-kumpanija kien tmexxa bil-hsieb ta' frodi ghad-dannu tal-kredituri tal-istess socjeta' u/jew persuni ohra u dan ghar-ragunijiet dettaljatament indikati fl-istess decizjoni fejn jinghad ukoll li l-istess diretturi kellhom kontroll dirett fuq l-azzjonisti tal-istess socjeta' u komplew jinnegozjaw meta kienu jafu li l-istess socjeta' kienet ser izzid it-telf u wkoll li l-istess diretturi huma responsabbli personalment specjalment meta jkun hemm kummerc bi frodi, u ghalhekk huma responsabbli *in solidum* ghal dak li sehh. Fil-fatt l-istess Qorti tghid li hija *"ravizzat agir kalkulat, metodiku u regolari bil-hsara tal-kredituri tal-kumpanija. Sa mill-bidu nett, id-diretturi hasbu biex, fil-waqt li jkopru l-interessi taghhom, jesponu ghar-riskju l-flus tal-kredituri, u dan minghajr l-icken kalkolu tal-interessi tal-kredituri. Hu mistenni li l-kumpanija tinghata facilita' ta' kreditu mis-suppliers biex tkopri r-running operating costs taghha (biex qabel ma thallas lis-supplier, ikollha cans tbigh il-prodott bi qligh), pero' m'ghandhiex tabbuza b'dawn il-credit terms u lanqas ma tuza sistema biex tkopri l-interessi personali tad-diretturi l-ewwel, u wara, l-espansjoni li d-diretturi riedu jaghmlu fil-kumpanija. Dan hu abbuz bi flus il-kredituri u l-kummerc qarrieqi ghad-dannu tal-istess kredituri".*

Illi fil-kuntest ta' dan kollu l-istess Qorti sabet li d-diretturi, anke *ai termini* tal-**artikolu 315 tal-Kap. 386,** ghandhom jinzammu responsabbli ghad-djun u responsabbiltajiet <u>kollha</u> tal-istess kumpanija Price Club Operators Limited.

Illi fid-dawl ta' dan kollu ghandha tigi deciza c-citazzjoni attrici fejn qed jinghad li l-*demand notice* hija nulla u bla effett ghaliex qed jghid li l-ammont hemm indikat huwa dovut mis-socjeta' Price Club Operators Limited u mhux minnu personalment u peress li qed jghid li huwa ma ghadux direttur tal-istess socjeta`.

Illi dwar l-ewwel ilment l-attur jghid li l-ammont ta' taxxa kien dovut mill-istess socjeta' u allura d-*demand notice* kellha tintbaghat lill-istess socjeta' skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 59 (2) tal-Kap. 406;** u jidher li gie notifikat meta huwa ma kienx ghad ghandu r-rappresentanza tal-istess socjeta' u allura tali notifika lilu kienet nulla a bazi tal-**artikolu 66 (3) (c) tal-istess Kap. 406.** Jghid li l-**artikolu 66** ma jbiddilx is-sitwazzjoni peress li la darba huwa ma baqax jirrapprezenta l-istess socjeta' huwa ma setax jigi interpellat ghan-nom tal-istess.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet u dan peress li din il-Qorti thoss li d-*demand notice* in kwistjoni harget a bazi tal-**artikolu 59 (2) tal-Kap. 406** personalment kontra l-istess attur peress li huwa bhala direttur tal-istess socjeta' fiz-zmien li saret l-istima, kien responsabbli personalment ghat-taxxa dovuta mill-istess socjeta' u dan johrog mill-**artikoku 66 (5) tal-Kap. 406** fejn jinghad li *"rappresentant ikollu r-responsabilita' solidali mal-persuna li jkun qieghed jirraprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna....".* Illi ghalhekk l-istess ittra interpellattorja saret kontra l-attur personalment ghall-ammont dovut minnu personalment solidalment mal-istess socjeta' ghaz-zmien li huwa kien direttur tal-istess imsemmija kumpanija. Illi dan qed jinghad apparti dak li jipprovdi l-**artikolu 66 (3) (a)** dwar l-obbligazzjonijiet tal-istess direttur bhala rapprezentant u dan relattiv ghall-perjodu meta huwa jkun direttur tal-istess.

Illi l-fatt li l-istess socjeta' marret fi stralc ma jbiddel xejn mill-obbligi personali tal-istess direttur fil-perjodu meta kien dovut l-istess ammont, u dan iktar u iktar *in vista* ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et"** (P.A. (TM) – 12 ta' Ottubru 2007).

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-istess attur ma jistax jigi kkunsidrat lanqas bhala rapprezentant li agixxa *in buona fede* skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 66 (5) tal-Kap. 406** u lanqas li huwa osserva l-obbligazzjonijiet skond l-istess Att u dan kif jidher car mill-istess decizjoni u wkoll mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Vaur Mizjud tat-22 ta' Gunju 2004 . F'dan il-kuntest ukoll ma tistax tigi invokata favur l-attur d-disposizzjoni tal-**artikolu 66 (4) tal-Kap. 406** u dan fid-dawl ta' dak ritenut fl-istess decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et"** (P.A. (TM) – Rikors Numru 27/2003 - 12 ta' Ottubru 2007). Dan apparti s-sentenza l-ohra dwar *"wrongful trading"* fl-ismijiet **"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et"** (P.A. (TM) – Rikors Numru 26/2003 - 2 ta' Ottubru 2007 (**artikolu 316 tal-Kap. 386**). Ghalhekk it-talbiet fuq dawn il-bazi qed jigu michuda.

Illi kwantu ghall-allegat ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jinghad li d-*demand notice* inharget kontra l-attur a bazi tad-disposizzjonijiet tal-ligi fuq citati u jidher li l-istess Kummissarju tat-Taxxi tal-Valur Mizjud agixxa u kien fil-poter tieghu li jaghmel dan skont il-ligi. Jekk imbaghad l-attur irid jattakka l-istess ligi mela allura ghandu jirregola ruhu dwar l-istess u jindirizza l-allegat ilment bi proceduri appositi.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li *in vista* ta' dak fuq premess, tillibera lill-konvenut l-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju tat-Taxxi dwar il-Valur Mizjud in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq moghtija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------